**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tat-Tlettax (13) il-Laqgħa ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 16 ta' Novembru, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Raymond Bartolo | 6.00 p.m. | 8.50 p.m. |
| Viċi Chairperson Simone Aquilina | 6.00 p.m. | 8.50 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Peter Abela | 6.00 p.m. | 8.50 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Carmel Hili | Skużat | |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Joseph Mario Hili | 6.00 p.m. | 8.50 p.m. |

Iċ-Chairperson mexxa l-laqgħa tal-Kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea u -Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kienu preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Qari tal-Minuti tal-Tnax (12) il-Laqgħa u tal-kontinwazzjoni ta' l-istess laqgħa li nżammu fit-22 u s-27 ta' Settembru, 2011**

Il-minuti tat-22 ta' Settembru, 2011 ġew approvati kif preżentati.

Il-minuti tas-27 ta' Settembru, 2011

Waqt talba għall-korrezzjoni, il-Membru Joseph Mario Hili akkuża lis-Segretarju li jibdel noti li hu stess jikteb dwar il-minuti tal-Kunsill u biex jissostanzja dak li qal huwa semma żewġ okkażżjonijiet fejn fil-minuti jew attribwita kliem li huwa qatt ma qal. Madanakollu huwa qal ukoll li meta

ntalbet korrezzjoni din ġiet milquha u ġew ikkoreġuti. Is-Segretarju Eżekuttiv ċaħad dan u qal li ma jistax ikun li fil-minuti jitniżżel il-kliem kollu li jingħad iżda jitniżżlu biss sinteżi ta' dak li jintqal u deċiżjonijiet. Il-membru Joseph Mario Hili akkuza liċ-Cerpersin u l-membri l-oħra preżenti tal-Kumitat illi huma ma kienux aċċettaw li jintuża r-recording fil-laqgħat tal-Kumitat biex is-Segretarju jkun jista' jikteb li jrid fil-laqgħat. Iċ-Cerpersin ċaħad dan u tenna illi r-*recording* għandu jkun hemm biex jiffaċilita l-kitba tal-minuti mis-Segretarju. Galdarba s-Segretarju jsostni li m'għandux bżonn ta' recorder ma jarax għalfejn il-laqgħat għandhom jiġu rrekordjati. Għalhekk iċ-Cerpersin reġa staqsa lis-Segretarju jekk iridx ir-*recorder* iżda dan iħoss illi m'hemmx il-bżonn.

Is-Segretarju stqarr illi fil-verita' l-minuti l-istess ser ikunu jinkludu kemm jekk il-laqgħat jiġu rekordjati u anke jekk le. Il-Membru Peter Abela talab li dawn l-akkużi li saru mis-Sur Joseph Mario Hili jitniżżlu fil-minuti.

Dwar item 10.00 żdiedet is-sentenza **"Peter Abela għamel point of order biex jispjega l-etika ta' meta jiġu avviċinati l-awtorijtajiet. F'dan l-istadju s-Sur Carmel Hili qal lil Peter biex ma jitkessaħx għax darba oħra kien ser ikun hawn in-nies u "ma nkunux waħedna""** fl-aħħar tal-paragrafu.

Dwar item 13.01 Inqatgħu il-kliem "Is-Sur Carmel Hili allega li mhux qed jintbgħatulu kopji ta' l-ittri kollha li jibgħatu lill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad" u minflok tniżżel il-paragrafu "**Is-Sur Carmel Hili insista li l-korrispondenza kollha, b'email jew mhux li tintbagħat miċ-Chairperson u s-Segretarju Eżekuttiv f'isem il-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad għandha tiġi kkuppjata lill-membri kollha ta' Burmarrad sabiex ikunu jistgħu jsegwu l-iżvilupp ta' dak li titratta fuqu l-korrispondenza. Is-Segretarju qal li din m'ijiex il-proċedura. Hawn, Carmel Hili spjega li jrid dan għaliex għandu min jinfurmaħ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li korrispondenza mad-DLG rigward meta ser isiru l-elezzjonijiet tal-Kumitat Amministrattiv mhux vera għaddiet mis-Segretarju. Is-Segretarju Eżekuttiv ipprotesta min dan il-lat u ċ-Chairperson waqqaf il-laqgħa għax qamet kommozjoni fuq l-issue**"

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tat-22 ta' Settembru 2011**

2.00.01 **Dwar Item 2.02** Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo, qal li l-iScotts Supermarket informa lill-kuntrattur B. Grima & Sons li kien ser jagħmel il-linji sofor a spejjeż tiegħu. Is-Sur Raymond Bartolo qal li l-linji sofor madwar it-*Traffic Island* għandhom isiru mill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad iżda qabel għandha titranġa l-kantuniera.

2.00.02 **Dwar Item 2.03** Dwar qtugħ ta' ħaxix minn Non Urban Zone fil-Wardija, il-Viċi Chairperson Simone Aquilina qalet li tippreferi li l-ħaxix ħażin f'dawn it-toroq ma jinqatax f'dawn iż-żminijiet. Ġie deċiż li jiġi kkuntattjat il-kuntrattur sabiex naraw kif l-aħjar u meta għandu jsir dan ix-xogħol. Dwar il-ħitan perikolużi ġie deċiż li jintalab parir legali. Intqal li ċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo kiteb lil awtoritajiet iżda s'issa ma kienx hemm risposti. Kien kiteb ukoll dwar dan l-avukat Rudolph Ragonesi.

2.00.03 **Dwar Item 2.04** Iċ-Cerpersin qal li ssottometta applikazzjoni b'valur ta' €70,000 taħt l-iskema tal-Playing Fields. Dan l-ammont kien hekk kbir minħabba li riedet issir *platform* biex tissolva darba għal dejjem il-problema ta' l-għargħar. Iċ-Cerpersin qal ukoll illi għandna nkomplu naħdmu biex tinstab art alternattiva għal *playingfield*, bħal per eżempju li għandu jintalab *expropriation* ta' l-art fl-inħawi ta' Triq l-Insolja u Triq Ġebel Għażżara.

2.00.04 **Dwar Item 2.05** Dwar id-dawl tal-Grawnd kien jidher li skont l-engineer Renzo Curmi, l-ispiża biex jinxtara dawl li jaħdem bis-solar kienet kbira u għalhekk ġie deċiż li l-Kumitat Amministrattiv Burmarrad jiltaqa mal-Kumitat tal-Grawnd u naraw jekk jistax isir ftehim magħhom. Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo u l-Membru Peter Abela għandhom jagħmlu appuntament mal-President Pawlu Gauci u xi membri oħra ta' dan il-klabb.

2.00.05 **Dwar Item 5.01** Il-bank (*bench*) ta' San Pawl Milqi issa twaħħal.

**2.01 Punti li joħorġu mill-Minuti tas-27 ta' Settembru 2011**

2.01.01 **Dwar Item 12.02.01** Is-Sur Peter Abela għandu jiltaqa' mal-Perit Audrey Testaferrata DeNoto ta'Transport Malta.

2.01.02 **Dwar Item 13.01** Ġie ikkjarifikat li l-korrezzjoni li saret fil-minuta saret fuq suġġeriment tas-Sur Joseph Hili.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**

Ma kienx hemm korrispondenza u għalhekk l-laqgħa għaddiet għall-item li jmiss.

**4.00 Diskussjoni dwar Triq il-Knisja**

4.01 Ġie deċiż li Vincent Cortis, sid il-katusa li saret f'nofs it-triq jiġi ordnat jwassalha sal-Main Road minn taħt it-triq sa taħt il-bankina tal-Main Road.

4.02 Ġie deċiż li jiġi wkoll ikkuntattjat sid tal-Blokka l-kbira ta' Triq Manwel Bonnici sabiex iwassal il-katusa tad-drain sal-bankina tal-Main Road. Din il-katusa fil-preżent qeda titfa fit-taraġ ta' Triq il-Knisja.

4.03 Fuq suġġeriment taċ-Cerpersin, is-Sur Raymond Bartolo, gie deċiż li ssir stima biex din it-Triq tiġi pavimentata bit-taraġ b'kollox. Il-Perit għandu jaħdem stima ta' dan.

4.04 Is-Sid tal-plot bla ċint f'tarf it-triq in-naħa ta' fuq ta' Triq il-Knisja, għandu jintalab jimbarra d-dħul.

**5.00 It-Tindif ta' Wied Qannotta**

5.01 Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo, informa li l-MRRA naddfu parti biss minn dan il-wied. Xi bdiewa ilmentaw li ilhom ma jnaddfu l-parti l-oħra tal-wied mill-maltempata ta' l-1979. Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo, ikkuntatja lil MRRA u dawn infurmaw li nbeda l-proċess mal-MEPA sabiex jsir x-xogħol li hemm bżonn.

**6.00 Update fuq il-Proġetti**

6.01 Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo informa li mill-proġett ta' €20,000 il-bank ta' San Pawl Milqi lest, il-*gym* ġie ordnat, u l-bankina ta' ħdejn il-futbol grawnd għad ma ġietx l-approvazzjoni minn Transport Malta. Dwar il-bankina tal-Wardija, din ma ġietx approvata minħabba raġuni ta' *safety*. Il-Perit, iżda għadu qed jipprova jġib approvazzjoni. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa li jekk ix-xogħol ma jsirx sat-30 ta' Novembru 2011, jintilfu l-fondi. Għalhekk ġie deċiż li l-flus li mhux ser jintużaw jiġu wżati biex jiżdiedu mar-resurfacing ta' Triq Busewdien fil-Wardija ħdejn Castello Dei Baroni w b'kollox jintefqu €30,000. Il-Kuntrattur Bonnici Brothers fil-fatt diġa beda jipprepara biex isir ix-xogħol.

**7.00 Tiżjin tal-Milied**

Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo għandu jġib stima fuq dawl tat-toroq u fuq siġra tal-Milied għal Burmarrad. Ser jinxtara wkoll xi dawl biex tiżżejjen din is-siġra. Saret l-applikazzjoni għad-dawl temporanju.

Dwar il-Wardija ġie deċiż li ssir siġra tal-Milied ħdejn l-iskola w jigħata kumpens għad-dawl jekk ikun hemm bżonn. Ser tinġieb kwotazzjoni għal din is-siġra wkoll. Fuq din is-siġra għandu jiġi kkuntattjat is-Surmast tal-iskola tal-Wardija sabiex jiġi diskuss dan. Il-Kumitat tal-festa Burmarrad talab u ġiet approvata is-somma sa massimu ta' €500 sabiex isir l-armar.

**8.00 Website**

Ġew analizzati id-19 il-kwotazzjoni a bażi ta' spiża fuq firxa ta' 5 snin. L-aktar waħda vantaġġjuża kienet dik ta' 12works. Ġie deċiż li jsir laqgħa bejn iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo u l-Viċi Chairperson Simone Aquilina magħom sabiex jiġi diskuss dan qabel tintbagħat l-LA.

**9.00 Ħwejjeġ Oħra**

Il-Membru Peter Abela qal li l-Perit ta' Transport Malta, Audrey Testaferrata DeNoto infurmatu li fejn hemm linji bojod fit-toroq, dawn huma illegali. Dawn għandhom isiru linji sofor. Quddiem garages, ukoll m'għandhomx isiru kaxxi sofor għax dawn jindikaw *parking space*.

Sar qbil li jsiru tabelli tal-ħadid bl-ismijiet tat-toroq kollha tal-Wardija. Għandhom ukoll isiru l-bins, xi 8 b'kollox fosthom 3 f'Busewdien, 1 fil-Hilltop, 1 fil-picnic area tal-Wardija. Iċ-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo għandu jipprepara pjanta fejn għandhom jitwaħħlu dawn.

**10.00 Għeluq**

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.50 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal-14 ta' Diċembru 2011, fis-sitta ta' filgħaxija.

***Ray Bartolo***
***Chairperson***

***John J. Camilleri***
***Segretarju Eżekuttiv***